- TALBA GĦALL-ĦRUĠ TA' MANDAT TA' INIBIZZJONI
KONTRA AWTORITA' PUBBLIKA -
- REGOLAMENTI DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU [L.S. 174.04] -
- PROPORZJONALITA' FIL-PREĠUDIZZJU: ART. 873 (3) KAP. 12 -

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IL-ĦAMIS, 28 TA' FRAR 2019

**Rik. Nru. 83/2019/1 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 83/2019
fl-ismijiet:

**ISD Company Limited (C – 67005),**
**Nexos Manufacturing Limited (C – 40601) u**
**Tritium Technologies BV (Trade Register nru. 68870795 – socjeta` estera),**
**flimkien taht il-Konsorzju "Evuel"**

**vs.**

**Id-Direttur Generali (Kuntratti); u**
**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, (Transport Malta)**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

Rat ir-**Rikors imressaq mir-rikorrenti ISD Company Limited et.** (aktar 'l isfel imsejha l-Konsorzju Rikorrenti) **fl-24 ta' Jannar 2019,** li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-intimati milli:-

"b'xi mod kwalsijasi, igibu fis-sehh u/jew joperaw, u/jew inkella jinizjaw, u/jew jissoktaw il-kuntratt li kien soggett ghal-procedura tat-*tender* bin-numru CT3212/2018 – Tender for the supply, Delivery, Installation and Commissioning of Roadside Electric Vehicle Charging Infrastructure ERDF.07.0091 (mahrug mill-intimat Direttur tal-Kuntratti f'isem l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta), u/jew mod iehor irenduh mhux aktar elegibbli li jinghata u/jew jigi *awarded* lill-esponenti wara l-istharrig tal-kontestazzjoni tal-istess.";

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2019, li bih laqghet b'mod provvizorju t-talba tar-rikorrenti, ordnat in-notifika lill-intimati b'ghaxart (10) ijiem ghat-twegiba, u qieghdet ir-rikors ghas-smiegh ghat-13 ta' Frar 2019;

Rat it-twegiba **tad-Direttur Generali (Kuntratti) tal-1 ta' Frar 2019** , li biha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, oppona ghat-talbiet tar-rikorrenti billi sostna illi ma jezistux l-elementi mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat minnha mitlub. Fit-twegiba tieghu d-Direttur Generali (Kuntratti) intimat issottometta *inter alia* illi l-kuntratti mertu tar-rikors gia' inghataw lil terzi li ma humiex parti f'dawn il-proceduri; illi hemm nuqqas ta' jedd mad-daqqa t'ghajn peress li l-Konsorzju Rikorrenti m'ghadux igawdi jedd legali li huwa jista' jressaq quddiem il-Qorti peress li ghazel li ma jressaq l-ebda appell mid-decizzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici; illi una volta l-Konsorzju Rikorrenti naqas milli jirrikorri ghar-rimedji ordinarji lilu disponibbli mil-ligi ma jistax issa bhala

alternativa jinqeda bil-procedura tal-mandat ta' inibizzjoni;  illi t-talba ma tistax tintlaqa' peress li l-pregudizzju li jiggarrab jekk kemm-il darba l-mandat jinhareg ikun akbar ghall-amministrazzjoni pubblika milli dak li jiggarrab mill-Konsorzju Rikorrenti jekk it-talba ma tintlaqax;

Semghat ix-xhieda u d-dikjarazzjoni ai termini tal-artikolu 873 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn rapprezentanti tal-intimati waqt is-smigh tat-13 ta' Frar 2019;

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet waqt l-istess smigh;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2019 li bih halliet ir-rikors ghall-provvediment finali ghallum;

Ikkunsidrat;

**IL-LIGI**

**Art.873 Kap.12**

*(1)   L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2)   Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk jehtieg li qabel xejn min jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jissodisfa zewg kriterji b'mod kumulattiv:

(i) irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u

(ii) irid jipprova li *prima facie* ghandu dawk il-jeddijiet.

Fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi u b'mod partikolari il-htiega li jintwera li r-rikorrent ghandu *prima facie* l-jeddijiet pretizi, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) iddikjarat illi "... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."

Stante li r-rikors qed isir fil-konfront ta' entitajiet pubblici japplika wkoll is-segwenti.

**Art.873(3) tal-Kap.12**

*"Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma."*

Isegwi ghalhekk illi fil-kaz odjern b'zieda ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :-

(a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u

(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma’ l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kollha kumulativi u mhux alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti mhux tista' izda hija marbuta *ex lege* li tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Gie diversi drabi ritentu illi:-

i) Il-procedura odjerna hija wahda sommarja u ghalhekk mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.

ii) Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Il-mertu ta' litigju ma jigiex deciz definittivament 'mad-daqqa t'ghajn'. F'dan l-istadju il-gudizzju fil-mertu qed jithalla bla mittiefes u trattat u deciz biss dak li fil-parametri stretti ta' procedura ta' mandat kawtelatorju bhal dak in dizamina ma jippermettiex dewmien minghajr pregudizzju irrimedjabbli.

iii) Il-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**IL-FATTI**

Dwar il-fatti antecedenti dawn il-proceduri ma jidhirx li hemm kuntrast fondamentali bejn il-partijiet.

Fid-19 t'Ottubru 2018, l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta, permezz tad-Dipartiment tal-Kuntratti, hareg sejħa għall-offerti bin-numru ta' riferenza CT3212/2018 imsejħa, "*Tender for the Supply, Delivery Installation and Commissioning of Roadside Electric Vehicle Charging Infrastructure*" minn fejn jirrizulta illi 80% tal-proġett huwa finanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea u l-20% l-ieħor minn fondi lokali;

Is-sejħa kienet maqsuma f'żewġ lottijiet u kull offerent prospettiv seta' jixħet offerta għal lot wieħed jew aktar. Kull lot kien jifforma kuntratt għal rasu;

Il-Konsorzju Rikorrenti tefa' offerta għaż-żewġ lottijiet billi wera interess fit-tnejn li huma. Ghadd ta' operaturi ekonomiċi oħrajn ukoll tefghu offerti ghaż-żewġ lottijiet;

L-offerti ġew milqugħa b'mod elettroniku fuq is-sistema elettronika tas-sejħa pubblika magħrufa bħala e-PPS fuq www.etenders.gov.mt. Din is-sistema hija mħaddma minn kumpannija barranija b'mod awtonomu u indipendenti mill-Gvern Malti;

Wara li ngħalaq iż-żmien għat-tfigħ tal-offerti, beda l-proċess tal-għarbiel mill-kumitat tal-għażla;

Meta l-kumitat tal-għażla ġie biex jagħrbel l-offerti tal-Konsorzju Rikorrenti, sab li d-dokumenti li suppost kellu jkun fih it-tagħrif dwar l-offerti kienu nieqsa. Minħabba f'hekk, fit-18 ta' Diċembru 2018, id-Dipartiment tal-Kuntratti bagħat jgħarraf lill-Konsorzju Rikorrenti li l-offerti tiegħu għal Lott 1 u Lott 2 kienu qegħdin jiġu mwarrba. Fl-istess kommunikazzjoni, id-Dipartiment tal-Kuntratti informa lill-Konsorzju Rikorrenti illi (i) Lott 1 u Lott 2 kienu sejrin jingħataw lil żewġ kumpanniji terzi, bil-prezzijiet u ċ-ċifri hemmhekk indikati, u (ii) li jekk il-Konsorzju Rikorrenti ma kienx qed jaqbel mad-decizzjoni huwa kellu sat-28 ta' Dicembru 2018 sabiex iressaq oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni

dwar il-Kuntratti Pubbliċi ai termini tar-regolamenti 270 sa 276 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04);

Fis-27 ta' Diċembru 2018, proprju lejliet il-jum li fih kien jagħlaq it-terminu tal-appell, il-Konsorzju Rikorrenti bagħat ittra elettronika lid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti fejn talab li ssir verifika mill-ġdid tal-offerti tiegħu, peress li sostna li d-dokumenti dwar id-dettalji tal-offerti tiegħu kienu ntbagħtu kif imiss.

It-terminu għall-preżentata tal-appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti skont ir-regolament 271 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku għalaq fit-28 ta' Diċembru 2018 u appell min-naħa tal-Konsorzju Rikorrenti ma ġiex preżentat;

Fl-4 ta' Jannar 2019, id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti irrisponda għall-ittra elettronika tas-27 ta' Dicembru 2018 tal-konsorzju u informa li ma setax ibiddel fhemtu jew imur lura mid-deċiżjoni oriġinali tiegħu matul dak il-perijodu ta' għaxart ijiem mogħti għall-preżentata tal-appell għaliex f'dak iż-żmien il-proċess ikun miżmum u għalhekk id-Direttur Generali tal-Kuntratti prekluż milli jieħu kwalunkwe deciżżjoni fir-rigward;

Una volta li sat-28 ta' Diċembru 2019 ma kien ġie preżentat l-ebda appell l-intimati komplew bl-aġġudikazzjoni ta' Lott 1 u Lott 2 lill-kumpanniji terzi, kif rakkomandat fit-18 ta' Diċembru 2018;

Fl-24 ta' Jannar 2019 il-Konsorzju Rikorrenti ippreżenta fir-registru tal-Qorti r-rikors in dizamina fejn talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif fuq spjegat;

Ikkunsidrat;;

**DRITT PRIMA FACIE**

Il-Konsorzju Rikorrenti qed isejjes it-talba tiegħu fuq il-pretest illi l-offerti tiegħu għal Lot 1 u Lott 2 kienu, kuntrarjament għal dak li qed isostnu l-intimati, akkumpanjati bid-dokumenti kollha meħtieġa u għalhekk ma kellhomx jiġu mwarrba. Dwar min mill-partijiet għandu raġun fir-rigward, ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti f'dawn il-proċeduri li tiddeċiedi t-tilwima ta' bejn il-partijiet.

L-ewwel analiżi li l-Qorti trid tagħmel fil-każ odjern huwa li teżamina jekk il-konsorzju rikorrent għandux *prima facie* il-jedd li jikkontesta id-deċiżżjoni ta' skwalifika fil-konfront tiegħu.

Fil-fehma tal-Qorti jidher *prima facie* illi l-konsorzju rikorrent tilef id-dritt li jikkontesta d-deċiżżjoni li minnha qed jillamenta u jikkontesta. Skond ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04), il-konsorzju kellu sat-28 ta' Diċembru 2018 sabiex jintavola appell mid-deċiżżjoni fejn gie skwalifikat. Dan l-appell ma ġiex intavolat. Fit-trattazzjoni orali l-abbli Avukat tal-Konsorzju Rikorrenti issottometta illi l-konsorzju ma intavolax l-appell peress li kien qed jistenna risposta għall-komunikazzjoni elettronika li l-konsorzju bgħat lid-Direttur Generali intimat proprju lejliet li t-terminu kien ser jiskadi. Pero' kif tajjeb issottometta l-abbli Avukat tal-intimat Direttur Ġenerali, tali termini huma fatali, huma perentorji u ma jistgħux jittawlu. Skadut it-terminu, id-dritt li wieħed jappella fir-termini tal-Ligi Sussidjarja 174.04 jintilef darba għal dejjem.

Ta min jissottolinea illi l-Leġislatur ipprovda għall-mekkanżimu speċifiku ta’ kif wieħed jista’ jikkontesta jew jilmenta minn deċiżjonijiet ta’ twarrib ta’ offerti magħmula mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, il-leġislatur ried li t-tilwim kollu marbut ma’ xi għoti ta’ kuntratt pubbliku għandu jiġi mressaq l-ewwel quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliku u wara, f’każ li ma jkunx hemm qbil mas-sentenza tal-Bord, quddiem il-Qorti tal-Appell skont ir-regolament 284 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Skont **regolament 277(5) tar-Regolamenti**

**dwar l-Akkwist Pubbliku,** "*Parti interessata jew offerent ma jistgħux imorru quddiem qorti jew tribunal sabiex jattakkaw l-għoti jew nuqqas ta' għoti ta' sejħa ghall-offerti proċessata skont dawn ir-regolamenti u lanqas jitolbu li jitħallsu għad-danni, jekk huma ma jkunux l-ewwel inqdew bir-rimedji kollha mogħtija taħt dawn ir-regolamenti";*

Kif ġie ritenut fi provvediment mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Frar 2012 fl-ismijiet, ***Computer Domain Limited vs. Dipartiment tal-Kuntratti et***, "*ladarba r-rikorrenti ma appellatx, ma tistax tinqeda bil-proċedura tal-lum sabiex tittenta in extremis li tħassar il-proċess ta' aġġudikazzjoni*";

Tali ġurisprudenza hija konsoni mad-dispost tas-**sub inciz 4 tal-Artikolu 469A tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta illi

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra."

Għalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma jidhirx *prima facie* li l-konsorzju rikorrent igawdi d-dritt li jikkontesta quddiem il-Qorti d-dritt li jippretendi li għandu.

**DAK LI QED JINTALAB LI MA JSIRX GIA' BEDA JITWETTAQ MAL-AGGUDIKAZZJONI LIL TERZI**

L-aġġudikazzjoni lil terzi ġia seħħet wara l-iskadenza tat-terminu tal-appell. Huwa veru illi l-konsorzju rikorrent qed jitlob *inter alia* li l-intimati jiġu miżmuma milli "b'xi mod kwalsijasi.........jissoktaw il-kuntratt...", pero' il-fatt li l-kuntratti ġew aġġudikati lil terzi huwa ta' ostakolu għall-akkoljiment tar-rikors.

Kif ġie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fi provvediment finali fl-ismijiet **Martin Baron et vs. Kummissarju tal-Artijiet (**rikors nru 385//12

JRM) mogħti fit-20 ta' Marzu 2012: “Tqis ukoll li jekk kemm-il darba jintwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-mandat tkun diġà saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess tintlaqa’ ladarba l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn.”

Huwa paċifiku illi l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni huwa li tinħareġ ordni "di non fare" u mhux li tinħareg ordni "di fare". Una volta l-awtoritajiet intimati ġia ħadu d-deċizzjoni illi l-konsorzju rikorrent ma hux eliġibbli u li jallokaw il-kuntratt lil terzi, ma hux konsentit li permezz ta' mandat ta' inibizzjoni l-awtoritajiet intimati jiġu ordnati li jibdlu d-deċizzjoni tagħhom.

Kif ġie ritenut fil-provvediment finali fl-ismijiet **Gafa Saveways Limited vs. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et** (**Rik. Nru 854/2014JRM**) mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta’ Lulju 2014):-

"It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-egħmil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."

Fil-każ odjern il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tintilifx darba għal dejjem biċ-ċaħda tal-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. L-azzjoni eventwali tar-rikorrenti għal riżarċiment tad-danni pretiżi ma tisfaxxax fix-xejn biċ-ċahda tat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Għalhekk, anke f'dan ir-rigward l-azzjoni tal-Konsorzju Rikorrenti hija infondata.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn fid-deliberazzjonijiet tagħha li ġia wasluwha għall-konklużżjoni li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex tiċħad ir-rikors; iżda għall-kompletezza tat-trattazzjoni ser teżamina wkoll l-applikazzjoni tas-sub inċiż 3 tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 għall-każ in eżami.

**PROPORZJONALITA' TAL-PREĠUDIZZJU**

Is-**sub inċiz 3 tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12** jipprovdi li sabiex mandat kontra awtorita' pubblika jintlaqa' huwa meħtieġ ukoll illi apparti l-konsiderazzjonijiet kollha magħmula s'issa, il-Qorti tasal għall-konklużżjoni illi l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Fir-rikors promotur tagħhom kif ukoll matul it-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti il-konsorzju rikorrent emfasizza illi jekk il-Qorti ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tal-kuntratt mertu tat-tender *de quo,* huma "sejrin jisfaw severament preġudikati........jitilfu kuntratt ta' 'il fuq minn miljun ewro." Ikomplu jissottomettu illi jekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat ma tintlaqax huma "sejrin isofru preġudizzju irrimedjabbli."

Mill-banda l-oħra l-intimati jissottomettu li meta wieħed jiżen l-preġudizzju jew *hardship* li jista' jġarrab il-Konsorzju Rikorrenti bl-għemil tal-intimati jekk kemm-il darba tissokta l-eżekuzzjoni tal-kuntratti mogħtija lill-kumpanniji terzi b'rabta ma' Lott 1 u Lott 2, ma' dak li jista' jseħħ li kieku t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat kellha tintlaqa', il-preġudizzju li ser tbati l-amministrazzjoni pubblika ħa tkun wisq akbar minn dak li potenzjalment jista' ġġarrab il-Konsorzju Rikorrenti. Isostnu l-intimati illi jekk il-mandat ta' inibizzjoni jiġi milqugħ, (i) dan ikun ta' ħsara kbira għall-komunità Maltija fuq skala nazzjonali għaliex ħa jkun hemm dewmien bla bżonn fil-proġett ta' titjib tal-infrastruttura lokali biex din tkun tista' toffri servizzi xierqa għal vetturi li jaħdmu bl-elettriku; (ii) hemm riskju ta' telf ta' fondi li ġejjin mill-Unjoni Ewopea għaliex jekk dawn ma jintużawx sa żmien partikolari dawn ma jkunux jistgħu jintalbu aktar 'il quddiem (kif jirriżulta mid-dokument tas-sejħa pubblika 80% tal-proġett huwa finanzjat mill-Unjoni Ewropea, bħala parti mill-programm inkluż fil-Cohesion Policy 2014-2020); u (iii) l-intimati jitqegħdu f'sitwazzjoni li ma jkunux jistgħu jonoraw ir-rabtiet li daħlu fihom meta aġġudikaw Lott 1 u Lott 2 lil terzi persuni, bir-riżultat li din tagħmilhom suxxettibbli għall-kawżi dwar

nuqqasijiet kuntrattwali. Mill-banda l-oħra jekk fil-kawża eventwali li l-konsorzju rikorrent jista' jistitwixxi fil-futur jingħata raġun allura il-lanjanza tiegħu tkun tista' tiġi sodisfatta bil-ħlas tad-danni talvolta subiti.

Il-Qorti ttendi taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati fir-rigward għaliex fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, meta jitqabbel il-preġudizzju li jista' jsofri l-Konsorzju Rikorrenti jekk il-mandat ma jintlaqx mal-preġudizzju li jistgħu isofru l-intimati jekk il-mandat jinħareg, il-preġudizzju ta' dan ta' l-aħħar huwa bil-bosta akbar minn dak ta' l-ewwel.

Għalhekk, il-Qorti qegħda tikkonkludi illi r-rikorrenti ma seħħilhomx li juru illi fl-eventwalita' li l-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jistgħu isofru ikun ferm aktar minn dak li jsofri l-intimati jekk il-mandat jinħareġ. Isegwi għalhekk illi l-element tal-proporzjonalita' fit-talba tar-rikorrenti ai termini tas-sub inċiż 3 tal-Artikolu 873 ma hux sodisfatt.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-24 ta' Jannar 2019, safejn kienet laqgħet it-talba tal-Konsorzju Rikorrenti b'mod provviżorju;**

**2. Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni imressqa bir-rikors tal-Konsorzju Rikorrent tal-24 ta' Jannar 2019 billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-istess;**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet rikorrenti *in solidum* bejniethom.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imħallef** | **Deputat Registratur** |